

RANDAN

programm

# RANDAN U GĦID

2018

***Matul il-ġranet tal-ġimgħa*** *tar-Randan fl-4.15pm issir it-talba tar-Rużarju u wara l-quddiesa tal-4.30pm tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali. Fil-ħin tas-sajf (mis-26 ta' Marzu 'l quddiem) fil-5.15pm issir it-talba tar-Rużarju u wara l-quddiesa tal-5.30pm tingħad il-Via Sagra u tingħata l-barka sagramentali.*
***Nhar ta' Ħadd****, il-Via Sagra tingħad wara l-quddiesa tal-4.30pm u tingħata l-barka sagramentali. Meta jibda l-ħin tas-sajf (mill-25 ta' Marzu 'l quddiem), il-Via Sagra tingħad wara l-quddiesa tal-5.00pm.*

**L-Erbgħa 14 ta' Frar: L-ERBGĦA TAL-IRMIED**
*(Fil-quddies kollu ssir il-funzjoni tal-Irmied. Hu jum ta' sawm għal dawk bejn it-18 u 59 sena u astinenza għal dawk minn 14–il sena 'l fuq).*
**4.30pm** Quddiesa.
**6.30pm** Konċelebrazzjoni bis-sehem tat-tfal u l-familji.
**7.30pm** Quddiesa bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

**Il-Ħamis 15 ta' Frar**: **IRTIR GĦAN-NISA KOLLHA**
**9.00am** Irtir organizzat mill-Azzjoni Kattolika għall-membri t'Għawdex kollu u li għalih jistgħu jattendu anke dawk li mhumiex membri. Imexxi Patri Marcello Ghirlando O.F.M., bit-tema *"Il-fidi mis-smigħ u s-smigħ tal-Kelma t'Alla"* (San Pawl). Jispiċċa fil-11.15am b'quddiesa.
Post: *Dar tat-Tagħlim San Pietru u San Pawl*.

**Is-Sibt 17 ta' Frar**: **IRTIR GĦALL-GRUPP TAL-ABBATINI**
**9.30am** Jibda rtir għall-Grupp tal-Abbatini mmexxi minn Fr Mark Bonello u jispiċċa fis-1.00pm.

**IRTIR GĦAL DAWK LI JWETTQU MINISTERU FIL-PARROĊĊA**
**4.00pm** Jibda l-irtir u jispiċċa fis-7.00pm. L-ewwel parti tal-irtir se titmexxa minn Fr Noel Debono u t-tieni parti minn Dun Lawrenz Sciberras.
Post: *Kappella ta' Kenuna*

**Il-Ħadd 18 ta' Frar**: **L-1EL ĦADD TAR-RANDAN**
**9.15am** Quddiesa b'mixja ta' fidi għall-familja bit-tema *"Ġesù jimxi magħna għal erbgħin jum"*.
**10.30am** ***Journey of Life #6***: *Youth mass.*

**Il-Ġimgħa 23 ta' Frar: VIA SAGRA GĦAD-DELL TAS-SALIB TAL-PJAZZA**
**5.45pm** Tibda Via Sagra animata bis-sehem tat-tfal u l-familji fil-pjazza stess f'għeluq it-300 sena mit-twaqqif tas-Salib tal-Pjazza.

**Il-Ħadd 25 ta' Frar: IT-2NI ĦADD TAR-RANDAN**
**9.15am** Quddiesa b'mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "Ġesù jidher kollu dawl biex jagħmlilna kuraġġ".
**10.30am** ***Journey of Life #6:*** *Youth mass.*

**It-Tlieta 27 ta' Frar: ĊELEBRAZZJONI TAT-TFAL**
**5.45pm** Mistiedna t-tfal kollha għaċ-Ċelebrazzjoni fil-Knisja Bażilika.

**L-Erbgħa 28 ta' Frar: LAQGĦA GĦALL-FRATELLI**
**7.00pm** Mistiedna l-fratelli kollha għal-laqgħa fil-Knisja Parrokkjali quddiem is-Sagrament. Imexxi Dun Lawrenz Sciberras.

**Il-Ġimgħa 2 ta' Marzu: L-Ewwel Qrara**

**5.30pm** Tibda l-Ewwel Qrara ta' dawk it-tfal li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**Is-Sibt 3 ta' Marzu: Irtir għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet**

**9.00am** Jibda rtir għall-Grupp tal-Vokazzjonijiet immexxi minn Fr Mark Bonello u jispiċċa waranofsinhar.

**Il-Ħadd 4 ta' Marzu: It-3et Ħadd tar-Randan**

*(Il-ġbir f'dan il-weekend imur b'karità għas-Seminarju)*

**9.15am** Quddiesa b'mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "Ġesù jridna nirrispettaw id-dar tiegħu".

**10.30am** ***Journey of Life #6:*** *Youth mass.*

**7.00pm** Quddiesa mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u li fiha ser jagħti l-Ministeru tal-Lettorat lil tliet seminaristi li jinsabu fil-ħames sena tal-formazzjoni tagħhom.

**Mit-Tnejn 5 sal-Ġimgħa 9 ta' Marzu: Eżerċizzi għal kulħadd**

**8.30am** Quddiesa li fiha Fr Joe Mifsud jagħmel l-omelija. Post: *Knisja Bażilika.*

**6.30pm** Quddiesa fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù u mbagħad fis-7.00pm fl-istess post ikomplu l-eżerċizzi għal kulħadd minn Fr Joe Mifsud.

*Matul dawn il-jiem, fil-Bażilika ma jkunx hemm il-quddiesa tas-6.30pm.*

**L-Erbgħa 7 ta' Marzu: Ċelebrazzjoni għall-Familji u t-Tfal**

**7.00pm** Mistiedna l-familji u t-tfal għal Ċelebrazzjoni bl-isem "Telgħin 'il fuq maċ-Ċirinew", fil-Knisja Bażilika.

*Din iċ-Ċelebrazzjoni ser tieħu post dik tat-tfal ta' nhar ta' Tlieta għal din il-ġimgħa.*

**Mill-Erbgħa 7 sal-Ġimgħa 9 ta' Marzu: Eżerċizzi għat-tfal fl-Iskola Primarja**

**8.45am** Eżerċizzi għal Years 1, 2, u 3 immexxija mid-djaknu Giovann Tabone.

**9.15am** Eżerċizzi għal Years 4, 5, u 6 immexxija mid-djaknu Giovann Tabone.

**Is-Sibt 10 ta' Marzu: Irtir għall-Adolexxenti – Forms 2**

**9.00am** Jibda l-irtir għall-adolexxenti taċ-Ċentru u jispiċċa waranofsinhar.

**Il-Ħadd 11 ta' Marzu: Ir-4ba Ħadd tar-Randan**

**9.15am** Quddiesa b'mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "Ġesù jridna nersqu lejh".

**10.30am** ***Journey of Life #6:*** *Youth mass.*

**Mit-Tnejn 12 sal-Ġimgħa 16 ta' Marzu: Eżerċizzi għall-Adolexxenti**

**8.00pm** Isiru mid-Djaknu Joseph Hili
Post: *Knisja Bażilika*.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Marzu: Pellegrinaġġ tar-Redentur**

**6.00pm** Pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur li jitlaq minn Triq Telegrafu, għal Triq it-Torri ta' Kenuna, parti minn Triq Saver Cassar, għal Triq Papa Pawlu VI, Triq Girgor Buttigieg u Dun Karlu Dimech. Jintemm b'quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju.

**Mis-Sibt 17 sal-Ħadd 18 ta' Marzu: IRTIR GĦALL-ADOLEXXENTI – FORMS 3 U 4**

**9.00am** Jibda l-irtir għall-adolexxenti taċ-Ċentru u jispiċċa l-Ħadd bil-Quddiesa tal-10.30am.

**Il-Ħadd 18 ta' Marzu: IL-5ES ĦADD TAR-RANDAN**

*(F'dan il-weekend issir il-ġabra tal-Ġimgħa l-Kbira)*

**9.15am** Quddiesa b'mixja ta' fidi għall-familji bit-tema "Ġesù jridna nagħmlu ħafna affarijiet sbieħ".

**10.30am** ***Journey of Life #6:*** *Youth mass.*

**4.00pm** Via Sagra djoċesana għall-Familji fuq l-Għolja t'Għammar. Trasport jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fit-3.30pm.

**It-Tnejn 19 ta' Marzu: PELLEGRINAĠĠ GĦALL-ISTUDENTI U L-FAMILJI TAGĦHOM**

**6.30am** Tluq bil-mixi mill-Pjazza tan-Nadur lejn Ta' Pinu. Mistiedna l-istudenti u l-familji tagħhom. Fi tmiem il-pellegrinaġġ, għad-9.00am, tiġi ċċelebrata l-Quddiesa.

**VIA SAGRA T'GĦAMMAR GĦAT-TFAL**

**8.30am** Tluq bit-trasport minn ħdejn il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Mistiedna t-tfal u l-ġenituri tagħhom.

**Mit-Tnejn 19 sal-Ħamis 22 ta' Marzu: EŻERĊIZZI GĦALL-MIŻŻEWĠIN**

**7.30pm** Isiru minn Fr Joseph Farrugia, responsabbli mit-"Ta' Pinu Counselling Centre".
Post: *Sala Parrokkjali.*

**Mit-Tnejn 19 sal-Erbgħa 21 ta' Marzu: EŻERĊIZZI FIL-KAŻIN TAL-BANDA**

**7.00pm** Isiru fil-*foyer* tal-każin.

**L-Erbgħa 21 ta' Marzu: VIA SAGRA T'GĦAMMAR GĦALL-ADOLEXXENTI**

**7.30pm** Mistiedna l-adolexxenti u ż-żgħażagħ taċ-Ċentru. Tluq bit-trasport minn ħdejn iċ-Ċentru.

**Il-Ġimgħa 23 ta' Marzu: JUM MARIJA ADDOLORATA**

**9.30am** Quddiesa tad-Duluri għat-tfal tal-Iskola Primarja.
Post: *Knisja Bażilika.*

**4.30pm** Quddiesa

**6.00pm** Pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri li jibda minn Triq il-Qala, għal Triq it-Tiġrija, jitla' minn Triq Lazzru Pisani u jintemm fil-Pjazza.

**7.00pm** Tibda l-Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr Joseph Farrugia. Il-miżżewġin li jkunu qegħdin isegwu l-eżerċizzi matul din il-ġimgħa, huma mistiedna jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Bażilika fejn ser isir l-aħħar ħsieb għalihom fil-prietka, flok fis-Sala Parrokkjali bħas-soltu.
*Fil-Knisja ser ikun hemm is-servizz tal-qrar minn żewġ saċerdoti, qabel u waqt il-quddiesa.*

**Mill-Ġimgħa 23 sal-Ħadd 25 ta' Marzu: IRTIR GĦALL-ADOLEXXENTI – FORM 5 U 6TH FORM**

**6.30pm** Jibda l-irtir għall-adolexxenti taċ-Ċentru u jispiċċa l-Ħadd bil-quddiesa tal-10.30am.

### Ħadd il-Palm: 25 ta’ Marzu

9.00am Tberik tal-Palm fil-Knisja tal-Qalb ta’ Ġesù u purċissjoni bis-sehem tat-tfal sal-Bażilika.
9.15am Quddiesa konventwali bis-sehem tat-tfal u l-familji.
10.15am Tberik tal-Mejda tal-Appostli fil-M.U.S.E.U.M. tas-Subien.
10.30am ***Journey of Life #6***: ċelebrazzjoni ta’ fidi f’*“Jum iż-Żgħażagħ”*.
5.00pm Quddiesa.
7.00pm Quddiesa.

### It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa: 26 ta’ Marzu

5.30pm Quddiesa.
7.15pm Quddiesa.

### It-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa: 27 ta’ Marzu
### Jum ir-Rikonċiljazzjoni

5.30pm Quddiesa.
7.15pm Quddiesa.
8.00pm **Il-Mixja tat-Tbatija**
Via Sagra bis-sehem tal-Adolexxenti fil-Knisja. Matulha jkun hemm saċerdoti disponibbli għall-qrar.
5.00pm-9.00pm **Qrar** fil-Knisja f’ambjent ta’ ġabra.

### L-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa: 28 ta’ Marzu

6.00am-10.00am **Qrar** fil-Knisja.
5.30pm Quddiesa.
7.00pm Ċelebrazzjoni Penitenzjali minn Dun Karm Gauci. Matulha jsir il-qrar. (*Il-quddiesa tas-7.15pm ma ssirx.)*






**Din is-sena, is-Salib tal-Pjazza ser jagħlaq 300 sena minn mindu tpoġġa fil-pjazza tan-Nadur**

**ĦAMIS IX-XIRKA: 29 ta' Marzu**

9.00am Quddiesa tat-tberik taż-żjut fil-Katidral.

5.30pm Quddiesa fil-Knisja tas-Sorijiet.

7.00pm Ħasil tar-riġlejn tal-Appostli u Quddiesa Solenni. Wara jsiru s-seba' visti.

9.00pm *Ma' Ġesù fil-Ġetsemani*: mument ta' talb għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ f'post imwarrab.

**IL-ĠIMGĦA L-KBIRA: 30 ta' Marzu**

7.30am Matutin, Lawdi u Terza mal-Komunità.

8.00am Visti mill-M.U.S.E.U.M. tas-Subien li jibdew mill-qasam tagħhom. Visti għall-adolexxenti fil-parroċċi.

8.30am Visti għall-anzjani. Visti għall-abbatini.

3.00pm Adorazzjoni ta' Ġesù Msallab fil-Knisja Bażilika.

4.00pm Adorazzjoni ta' Ġesù Msallab fil-Knisja tas-Sorijiet.

6.00pm Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

**SIBT IL-GĦID: 31 ta' Marzu**

7.30am Matutin u Lawdi mal-Komunità.

8.00pm Velja Solenni tal-Lejl Qaddis tal-Għid.

**L-Għid il-Kbir: 1 t'April**

8.00am Quddiesa.

9.00am Talb tal-Lawdi.

9.15am Quddiesa Solenni Konventwali bis-sehem tat-tfal u wara ssir il-purċissjoni bl-Istatwa ta' Kristu Rxoxt bil-parteċipazzjoni tal-Banda Mnarja. Isir ukoll it-tqassim tal-figolli lit-tfal.

10.30am Quddiesa.

11.45am Quddiesa.

4.30pm Għasar.

5.00pm Quddiesa.

7.00pm Quddiesa.

Ħajr speċjali lil Martin Attard għar-ritratti tal-Via Sagra li jinsabu fis-Sagristija tal-Bażilika u lil Darren Paul Cassar għar-ritratti tas-Salib tal-Pjazza.



gozopress

# TRIDU TAL-GĦID



L-Arċipriet, il-Kapitlu u l-Kleru

jawgurawlkom

# GĦID QADDIS

Parroċċa San Pietru u San Pawl - In-Nadur, Għawdex